



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5277/22

COHOM 6
COPS 15
CONUN 10
COASI 7
MAMA 6
COEST 5
COAFR 12
DEVGEN 3
CFSP/PESC 30

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	24 ta' Jannar 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2022

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2022, approvati mill-Kunsill fit-3844 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Jannar 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2022

1. L-UE hija impenjata **li tirrispetta, tipproteġi u tiggarantixxi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt** b'mod konsistenti u koerenti **fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna tagħha**. Hija tibqa' magħquda fl-appoġġ tagħha għas-Sistema tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU bħala pedament tal-azzjoni esterna tagħha. Il-promozzjoni ta' sistema globali għad-drittijiet tal-bniedem hija fil-qalba tal-impenn tal-UE għat-tisħiħ tal-multilateraliżmu u t-tmexxija tal-UE fl-appoġġ tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. L-UE tirriafferma li d-drittijiet tal-bniedem, kemm jekk huma drittijiet ċivili, kulturali, ekonomiċi, politiċi jew soċjali, huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelati. F'dan l-ispiritu, l-UE ser tappella għal ratifika wiesgħa u implimentazzjoni effettiva tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u konvenzjonijiet oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li żżid l-azzjonijiet biex jitwettqu, fuq bażi ugwali, id-drittijiet tal-bniedem kollha. L-UE ser tiġġieled kwalunkwe tentattiv li jippreġudika d-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji ewlenin tad-dinjità u l-ugwaljanza tal-individwi, kif iddikjarati fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u strumenti sussegwenti tad-drittijiet tal-bniedem, u ser tkun vigilianti f'dan ir-rigward. L-UE ser tindirizza r-riskji għad-drittijiet tal-bniedem li bdew ifeġġu reċentement, bħat-theddid ibridu, ir-riskji inerenti għall-iżviluppi teknoloġiċi u għad-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima, kif ukoll il-konsegwenzi persistenti tal-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa fuq id-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fuq it-tgawdija tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, u fuq il-libertajiet fundamentali. Id-diskriminazzjoni li jħabbtu wiċċhom magħha persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż persuni b'diżabilità, aggravat u saret aktar viżibbli. L-UE tfakkar li kwalunkwe restrizzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 trid tkun strettament meħtieġa, proporzjonata, temporanja fin-natura tagħha u nondiskriminatorja, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Istati dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tintensifika l-isforzi tagħha biex tgħin li jiġi żgurat li l-persuni kollha fil-pajjiżi kollha jkollhom aċċess ugwali għal vaċċini u trattamenti sikuri, effettivi u affordabbli għall-COVID-19.

2. L-UE tibqa' **sostenitur sod** tal-mandat tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Uffiċċju tagħha u s-**sistema tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU** b'mod ġenerali, inkluż il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Korpi tat-Trattati, il-Proċeduri Speċjali u l-Eżami Perjodiku Universali. L-UE ser tkompli tappella lill-Istati kollha biex jirrispettaw l-indipendenza u jikkooperaw għat-twettiq effettiv tal-mandat tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-uffiċċju tagħha, filwaqt li jiġi żgurat finanzjament adegwat. L-UE ser tibqa' involuta fit-**tisħiħ tal-HRC**, inkluż billi ssaħħa ir-rabta bejn New York u Ġinevra, filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol uniku u l-valur miżjud tiegħu. Ser tfakkar li l-membri kollha tan-NU, b'mod partikolari l-membri tal-HRC, għandhom iħarsu l-oġġla standards tad-drittijiet tal-bniedem u jikkooperaw b'mod sħiħ mal-HRC u l-mekkaniżmi tiegħu. L-UE tappoġġa r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU "L-Aġenda Komuni Tagħna" u ser timpenja ruħha b'mod attiv fl-implimentazzjoni tiegħu.
3. L-UE ser **tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem globalment u tiddenunzja l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem** kull fejn iseħħu. Hija ser tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha, inkluż ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem biex iġġib bidla u ttejjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. L-UE **ser tirrikonoxxi l-iżviluppi pożittivi** fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, u ser tkompli **tfittex kooperazzjoni mal-pajjiżi u l-organizzazzjonijiet reġjonali kollha**, inkluż permezz ta' djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem. Ir-rispons strateġiku tagħna għall-ambjent internazzjonali li qed jinbidel ser ikun li nuru pożizzjonijiet komuni u magħquda tal-UE f'fora internazzjonali, li nsaħħu r-relazzjonijiet tagħna li ilhom jeżistu mas-sħab tradizzjonali billi nirriafferma l-interessi u l-valuri kondiviżi tagħna, kif ukoll li nwessgħu u napprofondixxu s-sħubijiet ma' pajjiżi u reġjuni madwar id-dinja. Il-bini ta' koalizzjonijiet transreġjonali ġodda u tematiċi ser ikun essenzjali.

4. L-UE tirriaferma l-impenn tagħha li tiġġieled l-impunità u li tipprovd i ġustizzja għall-vittmi. **Fl-20 anniversarju tad-dħul fis-seħħ tal-Istatut ta' Ruma**, l-UE ser ittenni l-appoġġ sod tagħha għall-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u ser tkompli tappella għar-ratifika universali tal-Istatut ta' Ruma u għal kooperazzjoni sħiħa mal-QKI. Il-ħidma tal-QKI kif ukoll ta' qrati u tribunali oħra fil-livell nazzjonali u internazzjonali hija kruċjali biex l-awturi ta' delitti atroċi jinżammu responsabbli. L-UE tappoġġa wkoll il-ħidma ta' mekkaniżmi investigattivi internazzjonali li jiġbru evidenza ta' ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali (IHL) u ksur u abbużi tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem sabiex tiġi ffaċilitata l-prosekuzzjoni kriminali ta' daww responsabbli.
5. L-UE tissottolinja r-rwol uniku tat-**Tielet Kumitat tal-AĠNU** u tal-**Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU** fl-indirizzar ta' **sitwazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem speċifiċi għall-pajjiż**. F'dan il-kuntest, l-UE ser tibqa' proattiva fl-indirizzar ta' kriżijiet emerġenti tad-drittijiet tal-bniedem u fid-denunzja ta' sitwazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem gravi u li qed jiddeterjoraw. L-UE ser tkompli tieħu rwol ewlieni f'inizjattivi rigward l-Afganistan, il-Belarusja, il-Burundi, ir-RDPK, l-Eritrea, l-Etjopja, u l-Myanmar. Hija ser tikkunsidra inizjattivi addizzjonali jekk is-sitwazzjoni tkun teħtieġ dan. L-UE ser tagħti wkoll l-appoġġ tagħha lil kwalunkwe inizjattiva dwar pajjiżi li, minħabba s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, għandhom ikunu fuq l-aġenda tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem jew tat-Tielet Kumitat. L-UE ser issegwi mill-qrib l-inizjattivi dwar il-Kambodja, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Georgia, l-Iran, il-Libja, il-Mali, in-Nikaragwa, it-territorju Palestinjan okkupat, il-Filippini, is-Somalja, is-Sudan t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Sudan, is-Sirja, il-Jemen u l-Venezwela. L-UE ser tkompli wkoll issegwi mill-qrib is-sitwazzjoni fir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u fil-belt ta' Sevastopol li ġew annessi illegalment mill-Federazzjoni Russa u ser tappoġġa inizjattivi rilevanti f'dan ir-rigward. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod attiv fi djalogi interattivi ma' detenturi ta' mandati ta' proċeduri speċjali u f'dibattiti ġenerali biex tiġbed l-attenzjoni għal sitwazzjonijiet kritiċi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fil-Federazzjoni Russa u ċ-Ċina.

6. L-UE ser tkompli tkun daqstant ieħor impenjata għall-promozzjoni, l-involvement kostruttiv u l-appoġġ ta' **riżoluzzjonijiet u inizjattivi tematiċi** fit-Tielet Kumitat tal-AĠNU u fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU. L-UE ser tkompli tieħu rwol ewlieni fl-inizjattivi dwar id-Drittijiet tat-tfal (flimkien mas-sħab tal-GRULAC), dwar il-Libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin, dwar id-Drittijiet tal-bniedem u t-tibdil fil-klima u dwar il-Moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt.
7. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw id-**dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem** u biex jagħtu aċċess mingħajr kondizzjonijiet u mingħajr xkiel għall-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem u tan-NU għat-territorji tagħhom. L-UE ser tkompli tappella wkoll lill-partijiet kollha f'konflitti armati biex jirrispettaw b'mod sħiħ id-**dritt umanitarju** internazzjonali u biex jiżguraw aċċess sħiħ, sikur, immedjat u mingħajr xkiel biex l-għajnuna umanitarja titwassal f'kull parti tal-pajjiż lill-popolazzjonijiet fil-bżonn. L-UE ser tkompli thegġegħ lill-partijiet fil-konflitti armati biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipproteġu l-popolazzjoni ċivili, b'mod partikolari n-nisa u t-tfal, il-persuni b'diżabilità, kif ukoll il-persunal mediku u umanitarju, u biex jipproteġu l-infrastrutturi ċivili, inkluż il-faċilitajiet edukattivi u tas-saħħa. L-UE ser tkompli tappoġġa l-inkorporazzjoni msaħħa tad-drittijiet tal-bniedem fl-isforzi tan-NU għall-paċi u s-sigurtà. Sabiex tkompli tipproteġi liċ-ċivili u tippromwovi azzjoni umanitarja bbażata fuq il-prinċipji, l-UE ser tappoġġa wkoll lis-sħab biex jadottaw u jimplimentaw oqfsa robusti dwar id-drittijiet tal-bniedem u dwar il-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali.

L-UE hija allarmata bil-konflitt prolongat fl-**Etjopja**. Hija ser tkompli tappella lill-partijiet kollha fil-konflitt biex jieqfu mill-ġlied immedjatament u biex iżommu lura minn kwalunkwe ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, bħall-vjolenza sesswali u bbażata fuq il-ġeneru, inkluż l-istupru, u l-vjolenza mmirata kontra gruppi etniċi, u kwalunkwe ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, kif ukoll id-dritt dwar ir-refuġjati. L-UE ser taħdem biex tiżgura r-responsabbiltà għar-reati mwettqa fl-Etjopja. L-UE ser tkompli tissottolinja r-responsabbiltà tal-kabinett temporanju maħtur mit-Talibani li jiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-persuni kollha li jgħixu fl-**Afganistan**, b'mod partikolari n-nisa, it-tfal, il-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif ukoll li jiżgura s-sikurezza tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media, u l-maġistrati, speċjalment in-nisa li ħadmu fil-ġudikatura. L-UE ser tkompli tappella għal gvern inklużiv u rappreżentattiv bil-parteciġipazzjoni sħiħa, effettiva, ugwali u sinifikanti tan-nisa u tar-rappreżentanti ta' minoranzi etniċi u reliġjużi, ibbażat fuq l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli tappella għall-istabbiliment mill-ġdid tal-Kummissjoni Indipendenti għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Afganistan (AIHRC) bħala istituzzjoni nazzjonali ewlenija għad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tissottolinja li r-responsabbiltà għall-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali għandha tiġi żgurata u tfakkar li l-Afganistan huwa parti għall-Istatut ta' Ruma tal-QKI. Huwa vitali li l-partijiet kollha ġewwa u barra l-Afganistan jassistu l-implimentazzjoni tal-mandat tar-Rapporteur Speċjali li għandu jinħatar mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem għall-monitoraġġ tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan, inkluż dwar kwistjonijiet bħall-ġustizzja tranżizzjonali u l-qtil extraġudizzjarju u l-ġħajbien ta' eks membri tal-forzi tas-sigurtà Afgani li ċedew ruħhom lit-Talibani jew inqabdu minnhom, u jagħtu segwitu xieraq għar-rakkomandazzjonijiet. L-UE ser tirriafferma wkoll il-ħtieġa li jkompli jiġi żgurat passaġġ sikur u tluq sigur u ordnat għaċ-ċittadini barranin u Afgani kollha li jixtiequ jitlequ mill-pajjiż u tkompli tappella għal aċċess mingħajr xkiel tal-operaturi umanitarji għar-reġjuni kollha fl-Afganistan. L-UE ser ittenni l-appell tagħha għat-tmiem tal-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem inkluż it-tortura fis-**Sirja** mill-partijiet kollha fil-konflitt, b'mod partikolari r-reġim u l-alleati tiegħu u tfaħħar u tappoġġa bis-sħiħ id-diversi sforzi internazzjonali mfassla biex jinkisbu l-verità u l-ġustizzja għall-vittmi u r-responsabbiltà għar-reati li twettqu.

Dawk kollha responsabbli għandhom jinżammu responsabbli għal għemilhom. L-UE ser tkompli titlob impenn sinifikanti mir-reġim Sirjan u l-alleati tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Risoluzzjoni 2254 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, u ser tibqa' tappella b'mod partikolari għat-tmiem tar-repressjoni, ir-rilaxx tad-detenuti, u informazzjoni dwar id-destin tal-persuni nieqsa.

8. L-UE ser tappella ripetutament lill-istati kollha madwar id-dinja biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-**rispett għall-istat tad-dritt** u l-prinċipji ta' governanza tajba, l-indipendenza tal-ġudikatura u biex jiġġieldu l-impunità u l-inugwaljanza, filwaqt li jżommu f'moħħhom li diversi kondizzjonijiet strutturali bħall-korruzzjoni jistgħu jwasslu għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Hija ser tħeġġeġ lill-istati biex jirrispettaw id-drittijiet li wieħed jipparteċipa b'mod sinifikanti fl-affarijiet pubbliċi, il-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni. Hija ser tqajjem tħassib dwar ir-repressjoni sistematika mingħajr waqfien fuq is-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-media indipendenti u l-ġurnalisti, il-membri tal-oppożizzjoni politika u l-ilħna kritiċi, kif ukoll persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u persuni li jagħmlu parti minn gruppi ta' minoranzi reliġjużi u gruppi stigmatizzati oħra, inkluż il-persuni LGBTI, fil-**Federazzjoni Russa**. L-UE ser tkompli tissorvelja u tikkundanna r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-miżuri leġiżlattivi restrittivi msaħħa skont il-liġi dwar l-"aġenti barranin" u l-liġijiet dwar organizzazzjonijiet "mhux mixtieqa" u "estremisti", li jkomplu jsikkta l-ilħna indipendenti, inaqqsu l-ispazju għas-soċjetà ċivili u jfixxkl u d-dokumentazzjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Hija ser tesprimi wkoll tħassib dwar ir-repressjoni fuq ir-riċerka indipendenti fl-istorja tar-repressjoni politika. Il-fehim tal-atroċitajiet tal-passat huwa valur li għandu jgawdi appoġġ u protezzjoni. L-UE ser tkompli tħeġġeġ lill-Federazzjoni Russa biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali rigward l-allegazzjonijiet ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-tortura, fir-Repubblika taċ-Ċeċenja tal-Federazzjoni Russa, imwettqa kontra difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, membri tal-media indipendenti, avukati, u oħrajn. L-UE tibqa' mħassba dwar il-fatt li s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-**Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol** iddeterjorat b'mod sinifikanti wara l-annessjoni illegali tagħha mill-Federazzjoni Russa. L-UE tibqa' mħassba serjament dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li qed tiddeterjora f'żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li bħalissa mhumiex taħt il-kontroll tal-Gvern tal-Ukrajna. L-UE ser tkompli

ssegwi bi tħassib kbir is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-**reġjuni separatisti Georgjani tal-Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinhar**. L-UE tinsab allarmata bid-deterjorament persistenti tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-**Belarussja**. Hija ser tkompli tikkundanna bil-qawwa t-tortura mifruxa u sistematika u t-trattament ħażin fil-kuntest ta' arresti arbitrarji, id-diversi każijiet ta' għajbien infurzat, it-tnaqqis ta' spettru wiesa' ta' drittijiet u libertajiet, kif ukoll it-tmexxija tal-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni kontra difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, media indipendenti u persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali. L-UE ser tkompli titlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kondizzjonijiet tal-priġunieri politiċi kollha. Dawk responsabbli għal dan il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem għandhom jinżammu responsabbli u jiġu kkundannati. L-UE ser tkompli tħeġġeġ lill-Belarussja biex tikkoopera bis-sħiħ mal-mekkaniżmi internazzjonali u reġjonali ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja u l-mekkaniżmu ta' responsabbiltà mmexxi mill-OHCHR. L-UE ser tħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi u ta' **Hong Kong** biex jerġgħu jistabbilixxu r-rispett sħiħ għall-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-libertà u l-pluraliżmu tal-media, il-prinċipji demokratiċi, u biex jirrispettaw l-indipendenza tal-Ġudikatura, f'konformità mal-Liġi Bażika ta' Hong Kong u l-impenji domestiċi u internazzjonali taċ-Ċina. Barra minn hekk, it-**Turkija**, bħala pajjiż kandidat tal-UE u membru għal bosta snin tal-Kunsill tal-Ewropa, hija mistennija taderixxi mal-impenji rispettivi tagħha.

9. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw, jipproteġu u jiggarrantixxu d-**drittijiet tal-bniedem ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi**, u tilqa' t-30 anniversarju tad-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jagħmlu parti minn Minoranzi Nazzjonali jew Etniċi, Reliġjużi u Lingwistiċi. L-UE ser topponi l-forom kollha ta' inċitament għall-vjolenza jew il-mibegħda, u d-diskors ta' mibegħda, online u offline, filwaqt li tippreserva l-artikolazzjoni sħiħa tad-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni. L-UE ser tkompli ssegwi bi tħassib kbir is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-**Ċina**, b'mod partikolari fir-Reġjun Awtonomu tal-Ujguri ta' Xinjiang, ir-Reġjun Awtonomu tat-Tibet u r-Reġjun Awtonomu tal-Mongolja Interna. L-UE tibqa' mħassba serjament dwar il-bosta rapporti ta' ksur u abbużi mifruxa tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari fir-Reġjuni msemija hawn fuq, inkluż detenzjonijiet arbitrarij, tortura u trattament ħażin tad-detenu, l-eżistenza ta' network kbir ta' kampijiet ta' riedukazzjoni politika, sorveljanza mifruxa u restrizzjonijiet sistemiċi fuq il-libertà ta' reliġjon jew twemmin, l-użu ta' xogħol furzat, sterilizzazzjoni furzata, kontroll tat-twelid u politiki ta' separazzjoni tal-familja u vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru. Is-sitwazzjoni tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi etniċi u reliġjużi madwar iċ-Ċina, b'mod partikolari l-Ujguri u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi oħra, tibqa' ta' tħassib partikolari. L-UE ser tkompli tappella liċ-Ċina biex tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem skont id-dritt nazzjonali u internazzjonali. L-UE ser tkompli tħeġġeġ lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem biex jindirizza s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari fir-Reġjun Awtonomu tal-Ujguri ta' Xinjiang (XUAR), inkluż permezz ta' valutazzjoni indipendenti, oġġettiva, imparzjali u trasparenti. L-UE ser tkompli ssegwi bi tħassib kbir il-ksur u l-abbużi persistenti tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż dawk li jirriżultaw minn detenzjonijiet arbitrarij mill-forzi militari fil-**Myanmar/Burma**, inkluż kontra l-Musulmani Rohingya u persuni li jagħmlu parti minn minoranzi oħra, u tappella għall-ġustizzja u r-responsabbiltà ta' dawk responsabbli. L-UE ser tkompli tikkundanna bl-aktar mod qawwi l-kolp ta' stat militari tal-1 ta' Frar 2021, filwaqt li tiddenunzja l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili, inkluż il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u tappella għal djalogu inklużiv bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha mmirat lejn ir-restawr tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll għal aċċess umanitarju sikur u mingħajr xkiel u għall-ħelsien immedjat u mingħajr kondizzjonijiet ta' dawk kollha detenuti arbitrarjament. L-UE ser tkompli tappella lill-awtoritajiet Russi biex jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem,

inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi etniċi, nazzjonali u reliġjużi, inkluż it-Tatari tal-Krimea fir-**Repubblika Awtonoma tal-Krimea u fil-Belt ta' Sevastopol**, li ġew annessi illegalment mill-Federazzjoni Russa.

10. L-UE ser tkompli topponi bil-qawwa l-**piena tal-mewt** f'kull ċirkustanza. Hija ser tappella lill-pajjiżi kollha biex jappoġġaw ir-Riżoluzzjoni tal-AĠNU li tippromwovi moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt, u lill-pajjiżi kollha li għadhom japplikaw il-piena tal-mewt biex jabolixxuha, jew biex iżommu jew jintroduċu moratorju bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni. Hija ser thegġegħ lill-istati fejn hemm fis-seħħ moratorju biex jabolixxu l-piena tal-mewt fil-liġi. L-UE ser tippromwovi l-aktar ratifika wiesgħa tat-Tieni Protokoll Fakultattiv tal-ICCPR. Hija ser tippromwovi parteċipazzjoni qawwija fit-8 Kungress Dinji Kontra l-Piena tal-Mewt f'Berlin f'Novembru 2022 u ser tappoġġa inizzjattivi oħra f'dan il-kuntest.
11. L-UE ser tkompli tikkundanna l-użu mifrux tat-**tortura** u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra madwar id-dinja, u ser tistinka biex teqred dawn il-prattiki minn kullimkien. Hija ser thegġegħ l-investigazzjoni indipendenti ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, kull fejn iseħħu, u ser taħdem biex tiżgura r-responsabbiltà tal-awturi. Hija ser tkompli tikkundanna l-arresti u d-detenzjonijiet arbitrarji u ser tkompli tappoġġa l-monitoraġġ indipendenti tal-ħabsijiet u postijiet oħra ta' ċaħda tal-libertà, it-titjib tal-kondizzjonijiet ta' detenzjoni u t-trattament ta' persuni m'caħhda mil-libertà, f'konformità mal-obbligi u l-istandards internazzjonali. L-UE ser tappella wkoll għar-ratifika wiesgħa u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u l-Protokoll Fakultattiv tagħha. Hija ser tkompli tippromwovi l-isforzi biex jiġi pprojbit il-kummerċ ta' oġġetti użati għall-piena kapitali u t-tortura permezz tal-Alleanza għal Kummerċ Liberu mit-Torturi.

12. L-UE ser tkompli tappoġġa lid-**difensuri tad-drittijiet tal-bniedem** (DDB) u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet immexxija min-nisa u dawk immexxija miż-żgħażaġh, u ser taħdem biex tiżgura l-parteċipazzjoni effettiva u sinifikattiva tagħhom fil-proċessi kollha tan-NU. L-UE tikkundanna bil-qawwa t-theddid, l-attakki, il-kriminalizzazzjoni, is-sorveljanza illegali, il-kampanji ta' malafama, id-detenzjoni arbitrarja, l-għajbien infurzat u l-qtil ta' DDB. L-UE ser tagħti attenzjoni partikolari lid-DDB li jbatu minn rappreżalji wara impenn mas-sistema tan-NU u ser tkompli tappoġġa l-ħidma tal-Assistent Segretarju Ġenerali tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan ir-rigward. L-UE ser tagħti attenzjoni lir-riskji speċifiċi ffaċċjati minn ċerti kategoriji ta' DDB, b'mod partikolari d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem, id-difensuri tad-drittijiet ambjentali, tal-art u tal-popli indiġeni, id-difensuri tad-drittijiet tal-persuni LGBTI, u dawk li jiddefendu d-drittijiet tax-xogħol. Hija ser issaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-ħolqien ta' ambjent propizju għal **soċjetà ċivili** vibranti u pluralistika li tingħata l-ispazju biex topera b'mod indipendenti, u ser topponi restrizzjonijiet legali u amministrattivi sproporzjonati fuq organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jillimitaw il-kapaċità tagħhom li joperaw, inkluż sistemi ta' reġistrazzjoni punittivi u restrizzjonijiet fuq il-kisba ta' fondi jew restrizzjonijiet amministrattivi fuq ir-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet. L-UE ser tkompli tieħu azzjonijiet immirati lejn il-ħelsien tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja f'kooperazzjoni mal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Uffiċċju tagħha u organi oħra tan-NU.
13. L-UE ser tippromwovi u tipproteġi d-dritt għal-**libertà ta' opinjoni u espressjoni** online u offline u ser tappoġġa l-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-media madwar id-dinja. Hija ser tkompli tikkundanna bil-qawwa t-theddid u l-attakki kontra ġurnalisti, bloggers u ħaddiema oħra tal-media u tfakkar fir-responsabbiltà tal-istati li jiżguraw li l-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-azzjonijiet nazzjonali tagħhom ikunu konformi mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli tesprimi tħassib dwar iż-żieda fil-kontroll tal-istat fuq l-ispazju online, filwaqt li tipproteġi l-proċessi demokratiċi u tiżgura approċċ għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem.

14. L-UE ser tibqa' involuta b'mod attiv fil-fora tan-NU biex tiġbed l-attenzjoni għall-impatt tat-**teknoloġiji diġitali** ġodda u emerġenti fuq id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli taħdem mal-OHCHR u sħab oħra dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Diġitali. L-UE ser tippromwovi internet miftuħ, liberu, interoperabbli, affidabbli u sigur u ser teżamina b'mod partikolari ċerti kwistjonijiet ewlenin bħall-qtugħ tal-internet, il-protezzjoni tal-ispazju ċiviku online, il-protezzjoni tad-data, il-protezzjoni tad-dritt għall-privatezza u kif tiġi miġġielda s-sorveljanza illegali, iċ-ċensura online, id-diżinformazzjoni u ċ-ċiberkriminalità. L-UE ser tippromwovi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għat-tfassil, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji diġitali ġodda, inkluż fir-rigward tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) f'konformità mal-leġislazzjoni futura tal-UE f'dan ir-rigward.
15. L-UE ser tkompli topponi bil-qawwa l-forom kollha ta' **diskriminazzjoni** u ser tintensifika l-azzjoni biex tindirizzahom, b'attenzjoni speċifika fuq forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, fosthom abbażi ta' sess, razza, orġini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru. L-UE ttenni l-impenn tagħha għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u għad-dritt tal-persuni kollha li jgawdu l-firxa sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. L-UE ser timpenja ruħha b'mod konsistenti u kostruttiv mal-mandati tan-NU li jikkonċentraw fuq il-ġlieda kontra l-vjolenza u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u ser tappoġġa l-ħidma kontinwa tan-NU b'rabta ma' dan.

16. L-UE ser tippromwovi b'mod vigoruż u żżid l-isforzi internazzjonali għall-**ugwaljanza bejn il-ġeneri**, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħha. L-UE ser tuża kull okkażjoni fil-fora rilevanti kollha biex tirriaferma dawn l-impenji, inkluż fil-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istatus tan-Nisa, bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tad-diskriminazzjoni u tal-inugwaljanza abbażi tal-ġeneru. L-UE ser tkompli tippromwovi l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneru fil-fora kollha tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż f'inizjattivi ta' paċi u sigurtà, u tappoġġa l-parteċipazzjoni sħiħa, effettiva, ugwali u sinifikattiva tan-nisa u l-bniet kollha fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU u riżoluzzjonijiet sussegwenti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà. L-UE ser tkompli tqiegħed fiċ-ċentru tal-isforzi tagħha l-prevenzjoni u l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru inkluż il-vjolenza domestika u minn sieħeb intimu kemm online kif ukoll offline, u ż-żwieġ tat-tfal, prekoċi u furzat, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u prattiki dannużi oħra kontra n-nisa u l-bniet, anke permezz tal-Grupp ta' Ħbieb immexxi mill-UE għall-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet. Hija ser tkompli ttenni l-ħtieġa li jsiru sforzi mis-soċjetà kollha biex l-irġiel u s-subien jiġu involuti fl-eliminazzjoni tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, fl-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, fl-indirizzar ta' normi soċjali diskriminatorji u fil-ġlieda kontra l-istereotipi marbuta mal-ġeneru.
17. L-UE tibqa' impenjata għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet kollha tal-bniedem u għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' impenjata għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tirriaferma l-impenn tagħha għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi, ta' kwalità u bi prezz li jintlaħaq dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi għall-kura tas-saħħa.

18. L-UE ser tkompli timpenja ruħha b'mod kostruttiv fl-inizjattivi kollha relatati mal-ġlieda kontra r-**razziżmu**, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza assoċjata magħhom fid-dinja kollha, filwaqt li tqis il-pożizzjoni fit-tul tagħha dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata r-ratifika universali u l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, kif ukoll il-ħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Durban u li jiġu razzjonalizzati u ssimplifikati, fejn meħtieġ, il-mekkaniżmi ta' segwitu tagħha.
19. L-UE ser tibqa' impenjata għall-promozzjoni u l-protezzjoni tal-**libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin**. Hija ser tikkundanna d-diskriminazzjoni, l-intolleranza, il-vjolenza, u l-persekuzzjoni kontra jew minn kwalunkwe persuna abbażi ta' reliġjon jew twemmin. L-UE ser tippromwovi u tipproteġi d-dritt ta' kull individwu li jkollu jew ma jkollux reliġjon jew twemmin, li juri jew ibiddel ir-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, filwaqt li tikkundanna l-kriminalizzazzjoni tal-apostażija u l-abbuż tal-liġijiet dwar il-blasfemija. L-UE ser tkompli tippromwovi u tipproteġi d-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tappoġġa d-dialogu bejn twemmin differenti bħala għodda effettiva għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tikkontribwixxi għall-isforzi tan-NU għall-prevenzjoni, ir-rikonċiljazzjoni u l-medjazzjoni tal-konflitti, inkluż billi tikkontribwixxi għall-isforzi għas-salvagwardja tal-wirt reliġjuż, filwaqt li jiġu rrispettati b'mod sħiħ id-drittijiet tal-bniedem.

20. L-UE ser tintensifika l-azzjoni biex tiddefendi d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tagħhom kif ukoll id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati b'rabta mar-**refuġjati, il-persuni spostati f'pajjiżhom u l-migranti**, b'attenzjoni partikolari għat-tfal, in-nisa u persuni oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-approċċ komprensiv tal-UE dwar l-ispostament furzat u l-migrazzjoni ser ikompli jiffoka fuq l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-pajjiżi f'dak li jirrigwarda l-governanza tal-migrazzjoni, fit-tfixkil tal-mudelli kummerċjali tal-faċilitaturi tad-dħul klandestin tal-migranti u tat-traffikanti ta' bnedmin, u biex jiġġestixxu aħjar tal-fruntieri esterni tal-Ewropa u joffru opportunitajiet għal toroq legali għall-migrazzjoni b'rispett sħiħ tal-kompetenzi nazzjonali u filwaqt li jitqiesu kif xieraq ir-realtajiet attwali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jipprevjenu t-traffikar ta' bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin, jipproteġu lill-vittmi, iżommu approċċ li jieħu kont ta' kwistjonijiet tal-ġeneru u l-bżonnijiet tat-tfal u jiżguraw il-prosekuzzjoni effettiva tal-awturi. L-UE ser tkompli tikkundanna bil-qawwa u tiġġieled kontra l-istrumentalizzazzjoni sponsorjata mill-istat ta' refuġjati u migranti minn pajjiżi terzi, inkluż il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' refuġjati u migranti organizzata mir-reġim Belarussu għal finijiet politiċi u l-kriżi umanitarja li din ħolqot.
21. Il-**kriżi klimatika** hija kriżi tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli tieħu rwol ta' tmexxija globali fir-rigward tat-tibdil fil-klima u kwistjonijiet ambjentali u tappoġġa miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt serju tat-tibdil fil-klima, tat-telf tal-bijodiversità u tad-degradazzjoni ambjentali fuq it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha, inkluż id-drittijiet tal-bniedem għal ilma tax-xorb sikur u s-sanità. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' l-adozzjoni tar-risoluzzjoni dwar id-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif, san u sostenibbli u r-risoluzzjoni li toħloq mandat għal Rapporteur Speċjali għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-tibdil fil-klima. L-UE ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod attiv fir-risoluzzjonijiet tan-NU dwar ir-rabta bejn id-drittijiet tal-bniedem u l-klima u l-ambjent, u ser taħdem għal aktar progress lejn ir-rikonossiment globali tad-dritt għal ambjent nadif, san u sostenibbli bħala dritt tal-bniedem. L-UE tenfasizza l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteeċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja, fi kwistjonijiet ambjentali.

22. L-UE ser tkompli tippromwovi d-drittijiet tal-popli indiġeni kif stipulati fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-**Popli Indiġeni** u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u f'dan ir-rigward ser timpenja ruħha b'mod attiv fil-fora rilevanti kollha fejn jiġu diskussi d-drittijiet tal-popli indiġeni. L-UE ser tkompli bl-isforzi biex issaħħaħ il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti u l-istituzzjonijiet tal-popli indiġeni fil-korpi rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar kwistjonijiet li jaffettwawhom. F'dan il-kuntest, l-UE tilqa' t-tnedija tad-Deċennju Internazzjonali tal-Lingwi Indiġeni 2022-2032.
23. L-UE ser tkompli tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet kollha tat-**tfal** kollha, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u ser tkompli tappoġġa inizzjattivi f'dan ir-rigward, inkluż billi tiffaċilita l-parteċipazzjoni sinifikattiva tat-tfal. Hija ser tkompli tippromwovi u timplimenta miżuri għall-prevenzjoni ta' kull forma ta' vjolenza fuq it-tfal. Ser taħdem mill-qrib man-NU, b'mod partikolari r-Rappreżentanti Speċjali tas-Segretarju Ġenerali għat-Tfal u l-Konflitti Armati u dwar il-Vjolenza fuq it-Tfal. L-UE ser tkompli tippromwovi politika ta' tolleranza zero dwar it-tħaddim tat-tfal u l-abbuż relatat mat-tfal online u offline. Kull tifel u tifla għandu jkollhom aċċess sikur u mingħajr xkiel għal edukazzjoni ta' kwalità ekwa u inklużiva fiċ-ċirkostanzi kollha.
24. L-UE hija determinata li tkompli tagħmel passi 'l quddiem fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli madwar l-UE u madwar id-dinja. L-UE ser ittenni li t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn kulħadd, kemm jekk huma drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali jew kulturali, hija prekondizzjoni għal żvilupp inklużiv u sostenibbli u ser tippromwovi **approċċ għall-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem**. L-UE ser ittenni l-pożizzjoni tagħha li d-dritt għall-iżvilupp huwa bbażat fuq in-natura universali, indiviżibbli, interrelatata u interdipendenti tad-drittijiet tal-bniedem kollha, u għall-idea li l-individwi huma l-atturi ċentrali, il-muturi, u l-benefiċjarji tal-proċess tal-iżvilupp, filwaqt li tirrikonoxxi n-natura multilaterali tal-istrateġiji tal-iżvilupp. F'dan l-ispiritu, l-UE ser tinvolvi ruħha f'diskussjonijiet fil-livell tan-NU dwar id-dritt għall-iżvilupp u tippromwovi deliberazzjonijiet konsenswali, filwaqt li żżomm il-pożizzjoni ta' prinċipju tagħha fir-rigward tal-elaborazzjoni ta' strument legalment vinkolanti dwar id-dritt għall-iżvilupp.

25. **It-terroriżmu u l-kriminalità organizzata** jikkostitwixxu theddida serja ħafna għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. L-UE tappella lill-istati kollha biex jiżguraw li r-rispons għal reati terroristiċi u tal-kriminalità organizzata jkun f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-drittijiet internazzjonali tal-bniedem, id-dritt umanitarju u d-dritt dwar ir-refuġjati. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu teħtieġ li l-vittmi jingħataw prijorità u li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-vittmi jiġu protetti u promossi.
26. L-UE ser tkompli tikkoopera mal-OHCHR u l-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar in-**Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem** biex tippromwovi l-implimentazzjoni globali tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem (UNGPs). Hija ser tkompli tappoġġa l-adozzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali u tiżviluppa Qafas komprensiv tal-UE għall-implimentazzjoni tal-UNGP, filwaqt li tiegħu bħala referenza l-Pjan Direzzjonali tal-UNGP tan-NU dwar in-negożju u d-drittijiet tal-bniedem għad-deċennju li jmiss. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod attiv fid-diskussjonijiet tan-NU dwar strument legalment vinkolanti għan-negożju u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz ta' involviment possibbli fil-Grupp ta' Ħbieb tal-President issuġġerit u billi taħdem mas-sħab biex jiġu esplorati ideat għal strument ibbażat fuq il-kunsens li jista' jsaħħaħ b'mod effettiv il-protezzjoni tal-vittmi u joħloq kondizzjonijiet ekwivalenti globali.
-